**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali ta' l-Għasri**

**Id-Disa' Leġislatura**

**Laqgħa Nru. 13**

l-Erbgħa, 30 ta' April 2025

Il-Kunsill Lokali ta' l-Għasri ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Nru 6, Triq Dun Karm Caruana, GSR 1321, L-Għasri, Għawdex, Malta, fis-7:00 ta' filgħaxija.

Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Dr Daniel Attard | - | Sindku |
| Is-Sur Sammy Saliba | - | Viċi Sindku |
| Is-Sur Emanuel Mintoff | - | Kunsillier |
| Is-Sinjura Elizabeth Mintoff | - | Kunsilliera |
| Is-Sur Salvatore Felice Pace | - | Kunsillier |

Assenti b'Apoloġija (skont Ordni Permanenti 14A (3)):

n/a

Assenti:

n/a

Uffiċjal Preżenti:

| | | |
|---|---|---|
| Is-Sur Silvio Xerri | - | Segretarju Eżekuttiv |

## 13.1 Talba

13.1.1 Il-laqgħa bdiet b'talba u ġiet ippreseduta mis-Sindku Dr. Daniel Attard.

## 13.2 Ittri ta' Apoloġija

13.2.1 Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija.

## 13.3 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-minuti

13.3.1 Il-Minuti tal-laqgħat numru 11 u 12 ġew ċirkolati minn qabel u għalhekk ittieħdu bħala moqrija, dawn ġew approvati unanimament.

## 13.4 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza

13.4.1 *Email* mibgħuta fl-24 ta' April 2025 mingħand id-Direttur tal-Gvern Lokali rigward l-interess li wera' l-kunsill minħabba l-miżura tal-budget dwar is-saħħa mentali fejn għandu jiġi suġġerit post fejn għandhom isiru dawn il-laqgħat. Peress li ma tantx hawn postijiet mgħammra b'dak rikjest, il-kunsilliera qablu li għandu jiġi propost l-edifizzju tal-kunsill sabiex isiru dawn il-laqgħat.

13.4.2 *Email* mibgħuta llum 30 ta' April mingħand ir-Reġjun t'Għawdex fejn qed jinfurmaw li nhar il-Ġimgħa 5 ta' Diċembru 2025, ser issir il-*Closing Event – Region of Culture – Gozo 2025.*

13.4.3 *Email* mibgħuta fid-29 ta' April mingħand il-Gozo Action Group rigward Measure 3 – 'Empowering Communities to Act as Environmental Stewards'.

13.4.4 *Email* mibgħuta fit-3 ta' Marzu mingħand Ebike Malta sabiex jaraw tistax issir laqgħa sabiex jitwaħħlu ebike racks għall-kiri tagħhom. Il-kunsilliera qablu li għandha ssir laqgħa magħhom.

13.4.5 Is-Sindku nforma lill-kunsilliera li huwa baqa' jsegwi t-talba tal-kunsill rigward l-*Memorandum of Understanding* u milli jidher hemm *approval in principle* kemm jiffirmah il-Ministru. Il-Kunsillier Salvu Felice Pace saqsa jekk hux ikkonfermat il-*Memorandum of Understanding*. Is-Sindku rrimarka li s'issa ma hemm xejn ħlief *approval in principle* li jonqos li jiġi ffirmat.

## 13.5 Tweġibiet għall-Mistoqsija tal-Kunsilliera

13.5.1 Il-kunsillier Salvu Felice Pace saqsa jekk il-bankina quddiem iċ-Ċentru Parrokjali tistax issir aċċessibbli għal persuni b'diżabilita'. Il-kunsilliera qablu li tali ssir aktar aċċessibbli. Is-Segretarju Eżekuttiv informahom li ħa jivverifika ma Transport Malta sabiex jivverifika kif tali bankina tkun tista' titranġa.

Il-Kunsillier Emanuel Mintoff irrimarka wkoll li qabel ma jsiru xi xogħolijiet relatati mal-bankina, irid jiġi verifikat l-istat tat-tender relatat mat-Tisbiħ tal-Pjazza peress li kienet saret xi pjanta u l-kunsilliera ma kienux qablu ma tali proposti u għalhekk għandu jerġa jiġi kkuntattjat il-kuntrattur sabiex tali pjanti jiġu riveduti.

Ġie rrimarkat li l-istat tat-toroq hu li hu, u li jekk tali triq u ċioe Triq Salvu Gambin issir *one way*, t-traffiku ser jiġi kollu fuq Triq il-Wilġa u li għalhekk tinħoloq problema fuq triq oħra. Il-kunsilliera qablu li l-aħjar jibqa' kollox kif inhu.

### 13.6 Triq Salvu Gambin

13.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rċieva korrispondenza u anke *email* b'talba sabiex Triq Salvu Gambin issir *one way* fid-direzzjoni lejn il-knisja parrokkjali. Għandhom jiġu mitkellma l-uffiċċjali ta' Transport Malta għal parir min-naħa tagħhom. Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li meta jibdew ix-xogħolijiet fi Triq Wied Sara jaf jinħoloq inkonvenjent jekk tali Triq issir *one way.*

### 13.7 Festa 2025

13.7.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għal l-attività ta' nhar il-Ħadd l-1 ta' Ġunju 2025, ser jattendu membri tal-Pulizija, membri tas-Civil Protection u membri tal-Emerġenza. Għal tali attività għandu jsir r-*Risk Assessment* u tali attività tiġi nxurjata. Għandu jiġi miftiehem ukoll kif ser tingħalaq it-triq u jitqabbad uffiċċjal tat-Transport Malta.

13.7.2 Għall-festa, l-kumitat tal-festa ser joħroġ *t-shirt* ġdid u talbu li tali jkun issussidjat mill-Kunsill. Il-kunsilliera qablu li tali għandu jkun issussidjat mill-Kunsill. Fuq it-*t-shirt* għandu jkun hemm l-arma tal-kunsill.

13.7.3 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba semma' l-fatt li għall-festa titqabbad persuna sabiex tinstalla' l-kaxxa li tissupplixxi l-provvista' tad-dawl u għalhekk qed jissuġġerixxi li tali kaxxa tinxtara min-naħa tal-Kunsill sabiex din tibqa' proprjeta' tal-kunsill u tkun spiża ta' darba u mhux ta' kull sena. Il-kunsilliera qablu unanimament ma din il-proposta.

### 13.8 Materji Oħra

13.8.1 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li hemm rispons tajjeb għas-safra ta' Settembru 2025. Il-Kunsilliera qablu unanimament li il-kunsill għandu jissussidja din is-safra u għalhekk għandu jitnaqqas l-ammont ta' kull persuna b' ħamsa u għoxrin ewro (€25).

13.8.2 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li għandhom jingħataw d-dati tal-Ħarġa bit-Train u għall-ħarġa l-oħra d-dawra bid-dgħajsa. Il-Kunsilliera qablu li l-Ħarġa bit-Train għandha ssir f'Lulju u d-dawra bid-dgħajsa ssir f'Awwissu peress li f'Settembru hemm aktar

attivitajiet ippjanati. Għandhom jiġu deċiżi d-dati.

13.8.3 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li huwa għadda l-informazzjoni mitluba mingħand Ambjent Malta rigward Ġnien Kenn is-Salvatur sabiex ikunu jistgħu jgħaddu lill-kunsill l-aħħar pagament.

13.8.4 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li rċieva l-permess tar-restawr tan-Niċċa ta' Triq Salvu Gambin kantuniera ma Triq il-Knisja. Issa li fadal huwa li tiġi approvata l-iskema li l-kunsill kien applika għalija sabiex tali niċċa tkun tista' tiġi restawrata.

13.8.5 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li bagħat l-applikazzjoni lil Transport Malta relatata mad-*Designated Restricted Area* fil-bajja ta' Wied il-Għasri u li ġie ndikat li l-ħabel għandu jkun hekk kif indikat sabiex ma jidħlux dgħajjes u l-*iswimming zone* tkun bħal ma kienet tkun u mhux bħal dawn l-aħħar sentejn u li s'issa għad ma hemmx risposta.

13.8.6 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li l-kunsill bħallissa għandu *black and white multifunctional printer* u qed jistaqsi jekk għandux jiġi kkunsidrat li tali *printer* tinbel għal waħda tal-kulur. Il-kunsilliera qablu ma din il-proposta. Is-Segretarju Eżekuttiv informa li ser iġib il-kwotazzjonijiet.

13.8.7 Il-kunsillera Elizabeth Mintoff infurmat li għall-ħarġa tal-*Mothers Day* hemm ippjanat li jżuru c-Cinema fejn jaraw il-Gozo 360 show u ġie suġġerit li tali jkun imħallas mill-Kunsill. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta.

13.8.9 Is-Segretarju Eżekuttiv informa li nhar it-Tnejn 5 ta' Mejju 2025 ser issir laqgħa mal-Isqof relatata mal-vista' pastorali, li ser issir fl-edifizzju tal-kunsill. Il-kunsilliera qablu li għandu jinxtara xi ftit ikel u xorb għall-okkażjoni.

13.8.10 Il-kunsilliera Elizabeth Mintoff infurmat li fit-8 ta' Mejju ser issir laqgħa tal-Isqof mar-romol u l-anzjani u ser tiġi organizzata ikla. Il-kunsilliera qablu li l-ispejjeż tal-ikel għandu jitħallas mill-kunsill.

13.8.11 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba rrimarka li r-*roundabout* tal-pjazza fiha ħafna ħamrija u għalhekk ippropona li għandu jiġi mqabbad il-kuntrattur sabiex ineħħi l-ħamrija żejda. Il-kunsilliera qablu ma tali proposta.

13.8.12 Il-Viċi Sindku Sammy Saliba wkoll irrimarka li bix-xita li għamlet hemm mogħdija li fiha niżel xi terrapien u għandu bżonn jinġabar. Il-kunsilliera qablu li għandu jiġi mitkellem il-kuntrattur sabiex jiġi spjegat eżatt fejn għandu jsir tali xogħol.

13.8.13 Is-Segretarju Eżekuttiv irrimarka li f'laqgħa preċedenti kien ġie approvat li jsir *patching* f'parti mit-Triq ta' quddiem in-niċċa li qiegħda fi Triq Salvu Gambin kantuniera ma Triq il-Knisja, iżda wara

li ġie mitkellem il-perit tal-kuntrattur tat-tender relatat ma Triq Wied Sara, ġie nnutat li x-xogħolijiet relatati mad-drenaġġ/ilma ser jibqgħu telgħin sa fejn kien propost li jsir tali *patching* u allura ma jkunx għaqli li jsir tali *patching* li mbagħad jerġa jinqala' minħabba x-xogħoljiiet relatati ma Triq Wied Sara. Il-kunsilliera qablu li ma jsirx il-*patching*.

13.8.14 Is-Segretarju Eżekuttiv informa wkoll li l-perit tal-kuntrattur tat-tender relatat ma ta' Triq Wied Sara bagħat applikazzjoni sabiex tiġi ffirmata sabiex il-kuntrattur ikun jista' jibda x-xogħolijiet. Is-Sindku rrimarka li rigward Triq Wied Sara qabel ma jibdew ix-xogħolijiet għandha ssir laqgħa mal-Ministeru ta' Għawdex u l-Ippjanar.

13.8.15 Il-kunsillier Salvu Felice Pace informa li għas-serata kulturali li kienet ippjanata għas-27 ta' Settembru, id-data kellha tiġi mibdula għall-4 ta' Ottubru 2025 u għalhekk irid jiġi propost post magħluq sabiex tkun tista' tittella' tali attività. Għalhekk qed jiġi propost il-Museum u li għalhekk għandu jintalab il-permess sabiex ikun jista' jintuża tali post għal din l-attività.

## 13.9 Kunsiderazzjoni u approvazzjoni tal-iskeda tal-pagamenti

13.9.1 Tressqet l-iskeda ta' pagamenti numru 09-11 biex tkun approvata mill-Kunsill. L-iskeda kif ippreżentata ġiet approvata. Kopja ta' din l-iskeda qed tinhemeż mal-minuti.

## 13.10 Tmiem il-laqgħa u data tal-lagħa li jmiss

13.10.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8:00 ta' filgħaxija. Sar qbil li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 28 ta' Mejju 2025 fis-7:00 ta' filgħaxija.

Ikkonfermati, nhar il-Erbgħa 28 ta' Mejju 2025.

**Dr. Daniel Attard**
**Sindku**

**Silvio Xerri**
**Segretarju Eżekuttiv**